MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 177/2007

**Hardrocks Limited (C6026)**

**vs**

**Penza Tarmac Limited (C22138)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sittin centemzu (Lm3,995.61) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ materjal mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru li gie ntavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Jannar 2007 sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fil-15 ta’ Ottubru, 2007 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------